A.L. 157 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier fit-Teoloġija Mqaddsa (S.Th.B.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titlu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti għal S.Th.B. u jgħoddu għal korsijiet mibdija fl-1985 jew wara.

Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier fit-Teoloġija Mqaddsa (S.Th.B.)

(Igħoddu għal korsijiet mibdija fl-1985 jew wara)

1. **Eliġibilità għall-Grad**

1.1 Biex ikun eliġibbli li jieħu l-Grad ta' Baċillier fit-Teoloġija Mqaddsa kandidat irid:

(a) ikun reġistrat bħala student matrikulat skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università;

(b) ikollu r-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors skond ir-regolament 3 hawn taħt;

(ċ) itemm il-kors ta' l-istudji, jgħaddi mill-valutazzjonijiet u mill-eżamijiet u jissodisfa kull rekwiżit mitlub f'dawn ir-Regolamenti;

(d) jissodisfa kull rekwiżit ieħor mitlub minnu fi statuti u regolamenti oħrajn ta' l-Università li jgħoddu għalih.

2. **Tul tal-Kors**

2.1 Il-Kors ta' l-istudji li jwassal għall-Grad ta' Baċillier fit-Teoloġija Mqaddsa jieħu ħames snin u jinqasam fi tnejn: Il-Kors Intermedju ta' sentejn, u l-Kors Finali ta' tliet snin.

2.2 Fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Fakultà s-Senat jista' jippermetti li kandidat itemm il-kors fi żmien itwal b'dawk il-kondizzjonijiet li l-Bord tal-Fakultà jista' jqishom meħtieġa.

3. **Rekwiżiti Speċjali għall-Kors**

3.1 Biex japplika għad-dħul fil-Kors li jwassal għall-Grad ta' Baċillier fit-Teoloġija Mqaddsa, barra li jissodisfa l-kondizzjonijiet għad-dħul bħala student regulari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università, kandidat irid ikollu dawn ir-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors:

ċertifikati ta' eżamijiet f'Livell Avvanzat (tnejn minnhom ta' Grad 'Ċ, jew ogħla u l-ieħor ta' Grad 'D' jew ogħla)

Sakemm tnejn miċ-ċertifikati f'Livell Avanzat ikunu f'materja minn din il-lista:

Malti (Matrikola Avanzata), Ingliż, Taljan (Matrikola Avanzata), Latin, Franċiż, Ġermaniż, Spanjol, Reliġjon, Matematika, Filosofija, Ekonomija, Fisika, Kimika, Bijoloġija u Storja;

u minn Ottubru 1991, ċertifikat f'Livell Ordinarju fil-Latin fl-eżami tal-Matrikola ta' l-Università, jew f'livell li jikkorrispondi ta' eżamijiet oħrajn rikonoxxuti mis-Senat għall-għanijiet tar-Regolamenti għad-Dħul.

Iżda kandidat li ggradwa diġà minn università, jew li għandu kwalifiki oħrajn li jitqiesu li huma suffiċjenti, jista' jinħeles mill-Bord tad-Dħul, fuq il-parir tal-Kumitat tal-Fakultà għad-Dħul, minn dawn ir-Rekwiżiti Speċjali kollha jew uħud minnhom.

4. **Il-Kors ta' l-Istudji**

4.1 a) Il-materji tal-Parti Intermedja tal-Kors ikunu:

Filosofija bħala materja ewlenija;

Psikoloġija, Soċjoloġija, Latin, Lhudi, Grieg Bibliku, It-Tagħlim Soċjali Kattoliku, u t-Teoloġija tas-Salvazzjoni bħala materji sekondarji

b) Il-materji tal-Parti Finali tal-Kors ikunu:

Kotba Mqaddsa, Patroloġija, Storja tal-Knisja, Arkeoloġija Paleokristjana, Teoloġija Fundamentali, Dommatika u Ekumenika, Teoloġija Morali, Pastorali u Spiritwali, Liturġija u Liġi Kanonika.

4.2 il-Kors ta' l-istudji jikkonsisti f'għadd ta' unitajiet ta' studju li ma' kull wieħed il-Bord tal-Fakultà jagħti numru speċifiku ta' kredti.

4.3 Is-sillabu, bil-lista ta' l-unitajiet ta' studju għall-parti Intermedja u Finali tal-Kors, jiġi ppubblikat fil-bidu ta' l-ewwel u t-tielet sena tal-Kors rispettivament.

4.4 Biex itemm il-kors ta' l-istudji kandidat jeħtieġ li jieħu għall-anqas 54 Kredtu fil-parti Intermedja u 86 Kredtu fil-parti Finali.

4.5 Minħajr preġudizzju għar-regolamenti 8.1 u 8.2 tar-Regolamenti għad-Dħul fl-Università u r-regolament 3.1 ta' dawn ir-regolamenti, il-Bord tal-Fakultà jista' jħalli kandidati li jkunu ħadu Baċellerat fl-Arti fl-Istudji Reliġjużi mill-Istitut ta' Istudji

Reliġjuż tal-Fakultà tat-Teoloġija, jew xi kwalifika akkademika ta' l-istess natura minn xi istituzzjoni oħra għall-edukazzjoni għolja, biex itemmu l-Kors tal-Baċellerat fit-Teoloġija Mqaddsa mill-inqas fi tliet snin.

Bord tal-Fakultà għandu jippermetti lil dawn il-kandidati:

(i) li jagħmlu unitajiet ta' studju mill-Partijiet Intermedja u Finali fl-istess żmien fl-ewwel sentejn, u

(ii) li jagħmlu arranġamenti speċjali ma' membri individwali ta' l-istaff biex jieħdu dawk l-unitajiet ta' studju li fihom iktar kredti fil-programm tal-Baċellerat tat-Teoloġija Mqaddsa

b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhirlu li huwa meħtieġ li jimponi.

4.6 Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 8.1 u 8.2 tar-Regolamenti għad-Dħul fl-Università, il-Bord tal-Fakultà jista' jħalli kandidati, li ħadu Baċellerat fl-Arti fil-Filosofija bħala materja ewlenija, biex jidħlu fit-tielet sena tal-Kors tal-Baċellerat fit-Teoloġija Mqaddsa dejjem jekk ikunu għamlu parti sostanzjali mill-programm sħiħ ta' l-istudji preskritti għall-Parti Intermedja tal-Kors tal-Baċellerat fit-Teoloġija Mqaddsa.

4.7 Id-Dekan jista' jeżenta minn massimu ta' terz tan-numru tal-Kredti maħsuba għall-Partijiet Intermedja u Finali tal-Kors; dejjem jekk il-kandidat jippreżenta xhieda akkademiċi suffiċjenti biex juri li l-unitajiet ta' studju li minnhom tintalab l-eżenzjoni ġew magħmula fis-sustanza.

5. Testijiet u Eżamijiet

5.1 Ikun hemm test fi tmiem kull unità ta' studju u eżami komprensiv bil-miktub fi tmiem kemm il-Parti Intermedja kif ukoll dik Finali tal-Kors.

5.2 L-għalliem/a ta' l-unità ta' studju għandu/hom jqis/u r-rendiment ta' kull student fi tmiem kull unità ta' studju kif muri fis-sillabu. F'każ li jeħel student għandu dritt għal darba li jerġa' jagħmel l-eżamijiet li jsiru fi żmien sitt xhur.

5.3 Kandidat li fir-riparatorju jeħel f'unità ta' studju wieħed jew iktar, li jkun fih b'kollox tliet kredti jew inqas f'semestru wieħed, jista' jirreġistra mill-ġdid għall-unità ta' studju jew unitajiet ta' studju li fihom ikun weħel u japplika għal test ieħor. F'dal-każ l-unità ta' studju jew unitajiet ta' studju jsiru f'forma li jistabilixxi/u l-għalliem/a konċernat/i f'konsultazzjoni mad-Dekan. L-istudent jista' jinqeda b'din il-konċessjoni darba waħda biss matul il-kors ta' l-istudji.

5.4 L-ebda kandidat ma jitħalla jagħmel l-eżami komprensiv qabel jieħu l-kredti kollha meħtieġa.

5.5 Bord ta' Eżaminaturi jmexxi l-eżami komprensiv fi tmiem il-Parti Intermedja, u Bord ieħor imexxi l-eżami komprensiv fi tmiem il-Parti Finali.

5.6 Dawn l-eżamijiet jinżammu f'Ġunju u f'każ li jeħel il-kandidat għandu dritt jerġa' jagħmel l-eżami f'sessjoni li tinżamm fi żmien sitt xhur.

6. **Riżultati**

6.1 L-ismijiet tal-kandidati li jkunu temmew b'suċċess unità ta' studju jew għaddew l-eżami intermedju jixxandru f'ordni alfabetiku. Il-marka mogħtija tintwera lill-kandidati wara talba minnhom u fil-privat.

6.2 Kandidat li, wara r-riparatorju, igħaddi l-unitajiet ta' studju skond ir-regolament 5.2, l-eżami komprensiv Intermedju jew dak Finali skond ir-regolament 5.6, jingħata biss ċertifikat li għadda minn dawn l-unitajiet ta' studju jew l-eżamijiet għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-grad.

6.3 Il-klassifikazzjoni tal-grad tieħu in konsiderazzjoni r-riżultati ta' l-unitajiet ta' studju, u r-riżultati ta' l-eżami komprensiv fi tmiem il-parti Intermedja u dik Finali tal-Kors skond il-proporzjon li ġej:

Unitajiet ta' studju	70%
Eżami Intermedju	10%
Eżami Finali	20%

6.4 L-ismijiet tal-kandidati li jkunu għaddew l-eżamijiet tal-Baċellerat fit-Teoloġija Mqaddsa jiġu ppubblikati f'ordni alfabetiku f'dawn il-kategoriji:

— Għadda bl-ogħla distinzjoni	(Summa cum laude)
— Għadda b'distinzjoni	(Magna cum laude)
— Għadda bi kredtu	(Cum laude)
— Sodisfaċenti	(Bene probatus)
— Għadda	(Probatus)

7. **Dħul mill-ġdid fil-Kors**

7.1 Kandidat li jkun waqqaf l-istudji tiegħu jista' jitħalla jingħaqad mal-kors taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Bord tal-Fakultà jista' jidhirlu neċessarji f'kull każ.

8. **Applikazzjoni**

8.1 Dawn ir-regolamenti jgħoddu għal korsijiet mibdija fl-1985 jew wara.